DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/568

tat-8 ta' April 2019

dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 56(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni, wara li semgħet lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") fis-sessjoni plenarja tagħha, adottat lista qasira ta' kandidati għall-kariga ta' membru tal-Bord u pprovdietha lill-Parlament Ewropew.

(2) Il-Kunsill ġie infurmat bil-lista qasira fl-istess data.

(3) Skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-mandat ta' membru full-time tal-Bord huwa ta' ħames snin.

(4) Fit-30 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni adottat proposta għall-ħatra ta' Sebastiano LAVIOLA bħala membru tal-Bord u ppreżentatha lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

(5) Il-Parlament Ewropew approva l-proposta fl-14 ta' Marzu 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Sebastiano LAVIOLA huwa b'dan maħtur membru full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għal mandat ta' ħames snin mill-1 ta' Mejju 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul il-Lussemburgu, it-8 ta' April 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.